



Repubblika Ċeka

## Reġistri tal-artijiet fl-Istati Membri - Repubblika Ċeka

Din it-taqsimha tipprovdi leq farsa ġenerali tar-reġistru tal-katast (tal-artijiet) tar-Repubblika Ċeka.

### X'għandu x'joffri r-reġistru tal-katast Ċek?

☞ Ir-Reġistru tal-katast Ċek fih kemm informazzjoni **fattwali** u kemm **legali** dwar il-proprjetà. Tista' ssib **mapep tal-katast** u informazzjoni dwar is-**sidien tal-proprjetà** fir-reġistru.

Ir-reġistru huwa proprjetà u huwa miżmum mill-**Uffiċċju Ċek għas-Surveying, Tfassil ta' Mapep u tal-Katast**, li huwa istituzzjoni nazzjonali indipendenti.

### L-aċċess għar-reġistru tal-katast Ċek huwa mingħajr ħlas?

L-ibbrawżjar u t-tiftix tal-mapep u l-informazzjoni bażika dwar il-proprjetà fuq l-internet, inklużi l-ismijiet u l-indirizzi tal-proprjetarji, huwa **bla ħlas**.

Għal lista uffiċjali, jew f-verżjoni elettronika b'aċċess mill-bogħod jew fuq karta, li jkun fiha l-informazzjoni kollha dwar ir-relazzjonijiet ġuridiċi li jikkonċernaw il-proprjetà jitħallas dritt; id-drittijiet ta' ħlas ivarjaw skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-elenkar, imma normalment ikun ta' CZK 100.

### Tiftix fir-reġistru tal-katast Ċek

Ir-reġistru tal-katast Ċek jipprovdi leq **istema tat-tiftix avvanzata** għal tiftix bl-internet.

### L-istorja tar-reġistru tal-katast Ċek

Is-sistema ta' informazzjoni elettronika ilha tintuża mill-2001.

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 09/07/2019